**20 ta' Ġunju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Talin Dr. Joseph Ellul noe

*versus*

Joseph G. Coleiro

**Eredita ġjaċenti — Kuratur ta' — Nomina — Meta għandha ssir — Qorti kompetenti.**

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha s-setgħa li tinnomina kuratur ad litem biex jirrappreżenta eredita ġjaċenti f'kawża, u dan anke wara li dik il-kawża tkun inbdiet.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li quddiem din il-Qorti hemm pendenti kawża fl-ismijiet inversi (Ċitazzjoni numru 1015 tal-1961) li fiha l-ulied minuri tal-attur jinsabu ċitati "fil-kwalità tagħhom ta' eredi bil-benefiċċju tal-inventarju ta' ommhom Mary Ellul, u indirettament eredi tal-Chevalier John Coleiro u Josephine Coleiro, nanniet tagħhom għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu minn Joseph G. Coleiro pretiż kontra l-imsemmija minuri u li "pendente lite" l-attur f'dik il-kawża talab in-nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Mary Ellul, u l-Qorti ordnat li jiġu spediti l-bandi opportuni, u li fuq talba tal-konvenut nomine f'dik il-kawża għar-revoka "contrario imperio" taddegriet li bih ġiet ordnata l-ispedizzjoni tal-bandi u għas-sospensjoni tal-proċeduri għan-nomina ta' kuratur tal-eredità ġjaċenti ta' Mary Ellul l-istess Qorti ċaħdet it-talba għar-revoka tad-degriet u rriservat li tipprovdi ulterjorment fuq iddomanda għan-nomina ta' kuraturi u wara li ppremetta wkol

li f'att ta' ċitazzjoni l-Qorti ma tistax tordna korrezzjonijiet li jbiddlu fis-sustanza l-azzjoni jew eċċezzjoni (art. 175 Kap. 15) u għalhekk il-Qorti ma tistax f'dik il-kawża tissostitwixxi għall-minuri l-eredità ġjaċenti ta' ommhom, u li din il-Qorti m'għandhiex fakoltà, skond il-liġi li tinnomina kuraturi biex jirrappreżentaw eredità ġjaċenti (art. 928 Kap. 15) u li, fi kwalunkwe każ, il-Qorti tista' biss tinnomina kuraturi "pendente lite", meta n-nomina tagħhom issir neċessarja wara li tkun bdiet il-kawża (art. 929(2) Kap. 15) u mhux meta din in-neċessità kienet teżisti ġja qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, kif inhu l-każ preżenti, talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, (1) din il-Qorti għar-raġunijiet imsemmija tirrevoka "*contrario imperio*" *d-degriet tagħha li bih ordnat li jiġu spediti* l-bandi għall-kuraturi biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Mary Ellul fil-kawża msemmija fl-ismijiet invertiti; u (2) per konsegwenza, din l-istess Qorti tiċħad it-talba ta' Joseph G. Coleiro f'dik il-kawża għan-nomina ta' kuraturi *minnu mitluba. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; infatti d-dispożizjonijiet tal-liġi ċitati mill-attur huma direttament kuntrarji għad-domandi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti tal-kawża l-oħra li għalihom saret riferenza, inklużi dawk relattivi għal nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw il-wirt battal ta' Mary Ellul;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħat lid-difensuri;

Ikkunsidrat;

Illi l-kawża preżenti qamet imħabba dak li ġara fil-kawża l-oħra msemmija fil-premessi taċ-ċitazzjoni fl-ismijiet ta' llum però bil-maqlub, u l-meritu preżenti jirriferixxi proprju għall-partijiet li għandhom jiffurmaw il-kontradittorju f'dika il-kawża l-oħra;

Illi f'dika l-kawża l-konvenut ta' llum, hemmhekk attur, qed jitlob il-kanonizzazzjoni ta' kreditu li huwa verament kellu jieħu mingħand oħtu (ġa mart l-attur), bħala eredi tal-ġenituri komuni tagħha u tiegħu stess, u billi hu assuma, mill-aġir ta' l-attur, li dan kien aċċetta għan-nom ta' uliedu minorenni l-eredità ta' ommhom bil-benefiċċju tal-inventarju (ara xhieda tiegħu a fol. 11/12) u billi l-istess attur għandu r-rappreżentanza ta' l-istess uliedu skond il-liġi, huwa f'dika l-kawża ħarrek bħala konvenut lill-attur ta' llum "bħala leġittimu rappreżentant ta' uliedu minuri Mariella u John, aħwa Ellul, fil-kwalità tagħhom ta' eredi bil-benefiċċju tal-inventarju ta' ommhom Mary Ellul u ndirettament eredi tax-Chevalier John Coleiro u Josephine Coleiro, nanniet tagħhom. "Wara li kien għall-bidu eċċepixxa li dika l-azzjoni ma tistax isseħħ għax minflok kellha ssir kawża ta' likwidazzjoni u qasma tal-assijiet tal-miżżewġin Coleiro, l-attur odjern, f'dika l-kawża, eċċepixxa ulterjorment illi l-minuri minnu rappreżentati għadhom ma aċċettawx l-eredità tal-mejta ommhom u għalhekk l-attur (konvenut odjern) m'għandux azzjoni kontra tagħhom, u dik it-talba għandha tiġi respinta. In vista ta' dina l-eċċezzjoni ulterjuri, il-konvenut, bħala attur fil-kawża l-oħra b'rikors tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 1962, talab li jiġu nominati kuraturi biex jirrappreżentaw il-wirt battal tal-imsemmija

Mary Ellul f'dika *l-kawża l-oħra*, u *l-Qorti*, *preordinatament* għall-istess nomina, b'degriet tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju, 1962, ordnat il-ħruġ tas-soliti bandi li bihom kellu jiġi notifikat l-attur ta' Ilum; dana *b'rikors tat-tnax (12) ta' Ġunju*, 1962, talab is-sospensjoni tal-proċeduri għan-nomina ta' kuratur prevja occorrendo r-revoka "contrario imperio" ta' dak id-degriet, u talab *li* l-Qorti tittrata u, tiddeċiedi dik il-kawża. *Dina* t-talba *però ma ġietx* milqugħa billi b'degriet tal-għoxrin (20) *ta'* Ġunju, 1962, il-Qorti ċaħdet it-talba għar-revoka tad-degriet *preċedenti li bih kienet ordnat* il-ħruġ tal-bandi u riservat li tipprovdi ulterjorment fuq it-talba għan-nomina ta' kuraturi għeluq erbat ijiem mid-data tad-degriet. L-attur odjern ippreżenta ċ-ċitazzjoni *ta'* Ilum fis-sitta u *għoxrin* (26) ta' Ġunju, 1962, qabel ma laħqet saret in-nomina tal-kuraturi; li għalhekk b'degriet ieħor tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, 1962, baqgħet sospiża sakemm *tiġi deċiża* l-kawża preżenti; b'dana l-mod il-kawża l-oħra baqgħet ukoll sospiża billi għad ma ġiex fissat il-kontradittorju relattiv b'riferenza għall-konvenut;

Ikkunsidrat;

*Illi* a bażi *ta'* l-azzjoni odjerna l-attur *iqiegħed diversi dis*-pożizzjonijiet tal-kodiċi tal-proċedura u ċioè l-artikolu 175, 928, u *929(2) li għalhekk hu l-każ li* jiġu trattati wieħed wara l-ieħor;

*Illi* l-artiklu 175 *jitkellem fuq* il-fakoltà li għandha l-Qorti li tordna jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, dejjem però b'mod li dan *ma jkunx jimporta* tibdil fis-sustanza ta' l-azzjoni jew tal-eċċezzjoni. Kif ġa ntqal is-sustanza *ta' l-azzjoni* fil-kawża l-oħra tikkonsisti fit-talba għall-kundanna ta' ħlas lill-attur f'dika l-kawża (konvenut fil-preżenti) ta' ammont ġa lilu dovut mill-mejta *oħtu u, stante l-mewt tagħha, minn uliedha (billi* ħaseb li saret l-aċċettazzjoni tal-wirt f'isimhom minn missier-

hom, rappreżentanti leġittimu tagħhom) bħala eredi benefiċjarji tagħha; kif ġa ntqal ukoll, l-attur ta' llum (konvenut fil-kawża l-oħra) qabel ma ta l-eċċezzjoni ulterjuri li tirrigwarda l-persuna tal-konvenut li wasslet għall-kawża preżenti, kien eċċepixxa f'dika l-kawża li minflok domanda għall-ħlas ta' parti mill-kreditu lilu dovut kien imissu għamel domanda għal-likwidazzjoni u qasma tal-wirtijiet li kontra tagħhom kellu l-istess kreditu: seta', oltre dan, jeċċepixxi wkoll xi ħaġa dwar l-eżistenza jew entità ta' l-istess kreditu. Issa hu evidenti li ebda tibdil fis-sustanza ta' dik l-azzjoni u ta' dawk l-eċċezzjonijiet ma jista' jkun hemm bit-tibdil mitlub mill-attur f'dika l-kawża, billi t-tibdil mitlub jirriferixxi biss għal min għandu jidher bħala debitur flok id-debitriċi oriġinali li mietet; il-ħlas mitlub bil-mod li hu mitlub, dejjem hu dovut mill-wirt tad-debitriċi, il-mejta Mary Ellul, imwieldha Coleiro, in kwantu hija stess kienet aċċettat il-wirtijiet tal-ġenituri tagħha Chevalier John u Josephine ġa miżżewġin Coleiro, billi l-beni komponenti l-istess wirt tagħha jridu jagħmlu fronti għall-ħlas tal-kreditu mitlub speċjalment in vista tal-kwalità li fiha uliedha, kif rappreżentati minn missierhom huma dikjarati eredi tagħha, u ċioè bil-benefiċċju tal-inventarju; la darba dina l-aċċettazzjoni ma rriżultatx m'hemmx xejn ħażin u anzi hu, skond l-ispirtu tal-Artiklu ċitat li l-kawża titkompla fuq l-istess atti kontra kuraturi ta' dana l-wirt battal ta' Mary Ellul: dina hija anke l-prattika kostanti meta wieħed jiġi ċitat bħala eredi, anke sempliċi, biex jeżegwixxi obbligu tad-debitur mejjet pre-sunt awtur tiegħu u jirriżulta li hu jkun għadu ma ddeliberax dwar l-aċċettazzjoni o meno ta' l-istess eredità, meta jiġi nominat kuratur tagħha bħala għadha ġjaċenti u l-kawża titkompla kontra dana l-kuratur bl-istess mod il-kawża kienet tkompli fuq l-istess atti kieku nbdiet kontra l-wirt battal ta' Mary Ellul, rappreżentata min kuraturi, u matul il-kawża l-istess wirt ġie aċċettat, billi allura l-werriet kien jista' jidħol flok il-kuraturi — (L-attur qed igħid li l-kawża ma setgħatx tiġi hekk mibdija, però dina s-sottomissjoni, kif jidher iżjed 'l isfel,

m'hiex aċċettabbli);

Illi hija ugwalment inattendibbli s-sottomissjoni ta' l-attur li skond l-artiklu 928 tal-Kodiċi ċitat dina l-Qorti ma tistax tinnomina kuraturi biex jirrappreżentaw eredità ġjaċenti. Basta wieħed isemmi l-artiklu 946 tal-Kodiċi Ċivili li proprju jirriferixxi għall-kuratur ta' wirt battal "maħtur biss għall-finijiet imsemmija fl-artiklu 928 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitlu 15)" u jżid li skond dana l-aħħar artiklu dina l-Qorti "tista' wkoll taħtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu fil-Qorti Superjuri......" dina hija l-proċedura prospettata iżjed 'il fuq u li l-konvenut f'dina l-kawża qiegħed jitlob fil-kawża l-oħra li tiġi applikata kif tiġi applikata frekwentement u kostantement f'kull każ fejn id-debitur ikun miet u l-wirt tiegħu ma jkunx aċċettat, u ġiet dikjarata bħala dik kontemplata fl-artiklu riferit (li qabel kien numru 945 — ara Deċiżjoni CCXXII Kollez. Vol. III paġ. 436 in "Pisani vs. Agius");

Illi fl-aħħarnett ir-riferenza għall-Artiklu 929(2) tal-Kodiċi ċitat l-anqas ma tgħin lit-teżi attriċi: is-sens ta' dan l-artiklu mhux f'dak sottomess mill-atur u ċioè li n-nomina ta' kuraturi tista' ssir biss "pendente lite" iżda li tista' ssir **ukoll** fi stadju simili, u ċioè meta l-ħtieġa tagħha tinqala wara li tkun bdiet il-kawża; jekk din in-neċessità tkun teżisti qabel ma tiġi preżentata ċ-ċitazzjoni, l-istess tista' ssir nomina simili u dana skond l-ewwel paragrafu tal-artiklu 929 in disamina. Fil-każ preżenti kif sew qal l-attur dina n-neċessità kienet fil-fatt teżisti, fil-mument li saret il-kawża, iżda kif intqal, l-attur ma talabx allura li jsir skond dina l-proċedura għax mingħalih li l-wirt kien ġie aċċettat: hu għalhekk li qiegħed jirrikorri għaliha fi stadju posterjuri, meta rriżultalu li dina l-aċċettazzjoni ma teżistix bħala fatt; l-istess proċedura, kif intqal, għandha tiġi applikata fil-każ preżenti, skond it-talba avvanzata mill-konvenut fil-kawża l-oħra fejn hu attur.

Għal dawna l-motivi;

Il-Qorti tiċħad it-talbiet ta' l-attur nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu.